



Brussell, 14 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

**13445/22**

**ENT 139  
MI 733  
ENV 1003  
DELACT 179**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: ST 12077/22 + ADD 1 - C(2022) 6046 final

Suġġett: Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-30.8.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/655 fir-rigward tal-adattament tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi minn magni b'kombustjoni interna fis-servizz installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triġ biex jinkludu magni b'potenza ta' inqas minn 56 kW u iktar minn 560 kW  
- Intenżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Fit-30 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq f'konformità mal-Artikoli 19 (2) u 60 (3) tar-Regolament (UE) 2016/1628<sup>1</sup>.
2. Fit-2 ta' Settembru 2022, id-delegazzjonijiet intalbu biex sal-4 ta' Ottubru 2022 jindikaw l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 12077/22 +ADD1.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triġ, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53.) – l-aħħar verżjoni konsolidata: 17/07/22

3. F'każ li la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jopponu l-miżuri previsti mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz ta' Regolament Delegat wara t-30 ta' Ottubru 2022. L-ebda delegazzjoni ma għamlet kummenti, u l-ebda delegazzjoni ma qajmet raġunijiet għal oppożizzjoni.
  4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemmx oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 12077/22 + ADD 1, bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
-